MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 2355/2003

**GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Philip Schembri u l-istess Philip Schembri**

**vs**

**Charles Azzopardi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Novembru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' hames mija u tnejn u disghin lira Maltija u disgha u disghin centezmu (Lm592.99) u dana in kwantu ghas-somma ta' hames mija u sebgha u sittin lira Maltija u disgha u disghin centezmu (Lm567.99) lis-socjeta` attrici assikurattrici u in kwantu ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) lill-attur l-iehor Philip Schembri rapprezentanti danni li sofrew meta l-**

**konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru EAM-846 fit-18 ta' Marzu, 2000 gewwa San Pawl il-Bahar ikkaguna incident li fih habtet il-vettura numru GAE-775 propjeta` ta' Philip Schembri u b'hekk ikkaguna danni f'din l-istess vettura.**

**Illi ghal dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat.**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' zewg ittri ufficjali datati 13 ta' Lulju, 2001 u 7 ta' Lulju, 2003 kontra l-konvenut bl-imghax kontra l-istess konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fl-10 ta' Dicembru, 2003, fejn intqal :**
**i. Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess atturi, stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u dan peress illi l-konvenut la kien involut f'incident awtomobilistiku f'dik id-data u f'dik il-lokalita` hemm indikati, u lanqas ikkaguna l-incident hemm imsemmi.**
**ii. Illi jsegwi ghalhekk li ma hemmx danni x'jigu likwidati u mhallsa mill-konvenut lill-attur. Fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attur ghandu jgib prova tad-danni.**
**iii. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.**

**Semgha x-xhieda ta' Stephen Cassar, PS455 Emanuel Sammut, Philip Schembri, Sam Pantalleresco, Charles Azzopardi u Anthony Azzopardi. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Il punt li jrid jigi stabilit f'dan il-kaz huwa jekk tassew il-kollizzjoni sehhitx tort tal-konvenut kif qed jallega l-attur. L-attur kien ghaddej bil-vettura GAE-775 niezel Telghet ix-Xemxija f'San Pawl il-Bahar. Il-konvenut kien hiereg minn go side road.**

**2. Qed jigi allegat li minhabba li l-konvenut hareg f'salt, l-attur kellu jzomm brake, skiddja u spicca f'arblu tad-dawl.**

**3. Kif rapportat fir-road accident report ezebit, Dok.ES1 l-attur stqarr is-segwenti : « …..he was driving downhill Xemxija Hill when suddenly as he approached the entrance of Shipwreck promenade another vehicle Reg. EAM-846 emerged without stopping from the indicated stop sign with the consequence that Schembri applied the brakes and accidentally dashed into an electricity pole. » Il-konvenut cahad r-responsabilita ghall-incident.**

**4. L-istess Schembri fid-deposizzjoni tieghu jikkonferma dan u jghid ukoll li hu skiddja u baqa' diehel f'arblu tad-dawl. Jghid li jaf li l-karozza tieghu skiddjat u baqghet sejra fl-arblu.**

**5. Is-Surgent PS Emmanuel Sammut, jikkonferma dak li hemm fir-rapport, u jghid li meta kellem lil Charles Azzopardi dan qallu li kien hareg min hemm b'mod normali, u li wara l-incident kien waqaf u mar ikellem lill-attur. Jirrizulta wkoll li dak in-nhar tal-incident kien l-irxix u t-triq kienet imxarrba. Rilevanti ferm li s-Surgent innota fuq il-post « patch of slippery liquid ».**

**6. Sam Pantalleresco, xhud okulari, jikkonferma li l-konvenut baqa' hiereg mit-triq tal-genb, u ma waqafx. Jghid li Schembri bbrejkja f'salt. Pantalleresco segwa lill-konvenut u hadlu n-numru.**

**7. Il-konvenut jichad li hareg f'salt, huwa jghid li hares qabel ma hareg u l-karozzi kienu ghadhom il-boghod.**

**8. Ghalhekk jirrizulta li tassew Azzopardi ma waqafx qabel ma hareg mill-imsemmija side road, pero` ma jirrizultax li din kienet il-kawza tal-kollizjoni. Jirrizulta li fit-triq kien hemm xi likwidu, apparti li l-art kienet imxarrba bl-irxix. Dana kollu, mal-fatt li l-attur li kien ghan-nizla, hasad il-break, gab mieghu l-konsegwenza li l-attur skiddja, u b'hekk spicca f'arblu tad-dawl. Ma jistghax jinghad li l-incident gara minhabba sewqan negligenti da parti tal-konvenut, izda dak li gara kien accidentali.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-istess atturi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------